# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/265

## tas-7 ta' Frar 2025

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/704 fir-rigward tal-bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE"

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Mejju 2020, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/704 ([2]) ta awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru EU-0021035-0000 lil Agrobiothers Laboratoire għat-tqegħid fis-suq tal-familja ta' prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE" u għall-użu. L-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprovdi s-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott ("SPC", summary of product characteristics) għal dik il-familja ta' prodotti bijoċidali.

(2) Fit-30 ta' Novemberu 2021, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2109 ([3]) emenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/704 biex isiru bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE", f'konformità mal-Artikolu 50(2) u l-Artikolu 50(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(3) Fl-24 ta' Awwissu 2022, fil-5 ta' Jannar 2023, fil-15 ta' Frar 2023 u fis-26 ta' Settembru 2023, f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013 ([4]), Agrobiothers Laboratoire ppreżentaw lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") aktar notifiki ta' bidliet ulterjuri fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE", irreġistrati fir-reġistru għall-prodotti bijoċidali bin-numri tal-każ BC-RR079365-04, BC-TJ083601-30, BC-GR084556-13 u BC-FT088928-97. Il-bidliet proposti notifikati jikkonċernaw iż-żieda ta' erba' ismijiet kummerċjali, il-bidliet f'żewġ ismijiet kummerċjali u t-tneħħija ta' żewġ ismijiet kummerċjali.

(4) Fit-3 ta' Ottubru 2022 ([5]), fit-2 ta' Frar 2023 ([6]), fid-9 ta' Marzu 2023 ([7]) u fid-19 ta' Ottubru 2023 ([8]), f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, l-Aġenzija ppreżentat lill-Kummissjoni opinjonijiet dwar il-bidliet amministrattivi notifikati fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta'

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/704 tas-26 ta' Mejju 2020 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE" ( ĠU L 164, 27.5.2020, p. 19; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/704/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2109 tat-30 ta' Novembru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/704 biex isiru bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-familja tal-prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE" (ĠU L 429, 1.12.2021, p. 99; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/2109/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

([5]) ECHA Opinion N° UAD-C-1614316-40-00/F of 3 October 2022 on the administrative change of the Union authorisation of the biocidal product family: INSECTICIDES FOR HOME USE, https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

([6]) ECHA Opinion N° UAD-C-1642252-38-00/F of 2 February 2023 on the administrative change of the Union authorisation of the biocidal product family: INSECTICIDES FOR HOME USE, https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

([7]) ECHA Opinion N° UAD-C-1648354-23-00/F of 9 March 2023 on the administrative change of the Union authorisation of the biocidal product family: INSECTICIDES FOR HOME USE, https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

([8]) ECHA opinion N° UAD-C-1689543-18-00/F of 19 October 2023 on the administrative change of the Union authorisation of the biocidal product family: INSECTICIDES FOR HOME USE, https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE", flimkien ma' sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali. Fl-opinjonijiet, l-ECHA tikkonkludi li l-bidliet proposti huma bidliet amministrattivi kif imsemmija fl-Artikolu 50(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u kif speċifikat fit-Titolu 1, it-Taqsima 1, tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, u li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jibqgħu jiġu ssodisfati.

(5) Fid-19 ta' Ottubru 2023, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni s-sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, li jkopri l-bidliet amministrattivi kollha li saret applikazzjoni għalihom, f'konformità mal-Artikolu 11(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013.

(6) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjonijiet tal-Aġenzija u għalhekk tqis li jixraq li tiġi emendata l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE" biex tintroduċi l-bidliet amministrattivi mitluba minn Agrobiothers Laboratoire.

(7) Ħlief għall-emendi rigward il-bidliet amministrattivi, l-informazzjoni sostantiva l-oħra kollha inkluża fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ta' "INSECTICIDES FOR HOME USE" kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/704 tibqa' l-istess.

(8) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-utenti u tal-partijiet interessati għall-verżjoni konsolidata tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali li trid tiġi ppubblikata mill-Aġenzija, jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/704 jiġi sostitwit fl-intier tiegħu. Minħabba bidla fil-format għall-ġenerazzjoni tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali fir-reġistru għall-prodotti bijoċidali fl-2024, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali f'dak l-Anness jenħtieġ li jinkludi wkoll xi bidliet editorjali u bidliet żgħar fit-tqassim.

(9) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/704 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/704 huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL FAMILJA TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI**

INSECTICIDES FOR HOME USE

**Tip(i) ta' prodott**

PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra

**Numru tal-awtorizzazzjoni** EU-0021035-0000

**Numru tal-assi R4BP** EU-0021035-0000

PARTI I

**L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI**

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

| | |
|---|---|
| Isem | INSECTICIDES FOR HOME USE |

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta' prodott | PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra |

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

| | | |
|---|---|---|
| Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni | Isem | Agrobiothers Laboratoire |
| | Indirizz | ZI Route des Platières 71290 CUISERY FR |
| Numru tal-awtorizzazzjoni | EU-0021035-0000 | |
| *Numru tal-assi R4BP* | EU-0021035-0000 | |
| Data tal-awtorizzazzjoni | 16.06.2020 | |
| Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni | 31.05.2030 | |

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | AGROBIOTHERS LABORATOIRE |
| Indirizz tal-manifattur | ZI Les Platières 71290 Cuisery Franza |
| Post ta' siti ta' manifattura | AF3<br>16 Rue de l oberwald 68360 Soultz Franza |

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

| | |
|---|---|
| Sustanza attiva | Permetrina |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Tagros Chemicals india Ltd. (Art.95 List: LIMARU NV (Acting for Tagros Chemicals India Private Limited) |
| Indirizz tal-manifattur | Jhaver Centre, Rajah Annamalai Bldg., IV floor 72 Marshal s road Egmore 600008 Chennai L-Indja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Tagros Chemicals india Ltd. (Art.95 List: LIMARU NV (Acting for Tagros Chemicals India Private Limited) A-4/1&2, Sipcot Industrial Complex, Pachayankuppam Cuddalore 607 005 Tamilnadu L-Indja |

| | |
|---|---|
| Sustanza attiva | S-metopren |
| Isem tal-manifattur | Babolna bio Ltd. |
| Indirizz tal-manifattur | Szallas u.6 H- 1107 Budapest L-Ungerija |
| Post ta' siti ta' manifattura | Babolna bio Ltd.<br>Szallas u.6 H- 1107 Budapest L-Ungerija |

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Permetrina | 3-fenossibenżil (1RS,3RS;1RS,3SR)-3-(2,2-diklorovinil)-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat | sustanza attiva | 52645-53-1 | 258-067-9 | 0,177 - 0,177 % (w/w) |
| S-metopren | Isopropil-(2E,4E,7S)-11-metossi-3,7,11-trimetil-2,4-dodekadienoat | sustanza attiva | 65733-16-6 | | 0,00225 - 0,00225 % (w/w) |
| propan-2-ol alcool izopropilic izopropanol | Propan-2-ol | Sustanza mhux attiva | 67-63-0 | 200-661-7 | 3,33475 - 3,33475 % (w/w) |
| n-butan | n-butan | Sustanza mhux attiva | 106-97-8 | 203-448-7 | 63,458 - 63,458 % (w/w) |
| propan | propan | Sustanza mhux attiva | 74-98-6 | 200-827-9 | 16,271 - 16,271 % (w/w) |
| isobutan | isobutan | Sustanza mhux attiva | 75-28-5 | 200-857-2 | 4,068 - 4,068 % (w/w) |

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta' formulazzjoni | AE Dispensur tal-aerosol |

PARTI II

**IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)**

1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

| | |
|---|---|
| Identifikatur | INSETTIĊIDA SPREJ DOMESTIKU |

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

| | |
|---|---|
| Numru | 1-1 |

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta' prodott | PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra |

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Permetrina | 3-fenossibenżil (1RS,3RS;1RS,3SR)-3-(2,2-diklorovinil)-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat | sustanza attiva | 52645-53-1 | 258-067-9 | 0,177 - 0,177 % (w/w) |
| S-metopren | Isopropil-(2E,4E,7S)-11-metossi-3,7,11-trimetil-2,4-dodekadienoat | sustanza attiva | 65733-16-6 | | 0,00225 - 0,00225 % (w/w) |
| propan-2-ol alcool izopropilic izopropanol | Propan-2-ol | Sustanza mhux attiva | 67-63-0 | 200-661-7 | 3,33475 - 3,33475 % (w/w) |
| n-butan | n-butan | Sustanza mhux attiva | 106-97-8 | 203-448-7 | 63,458 - 63,458 % (w/w) |
| propan | propan | Sustanza mhux attiva | 74-98-6 | 200-827-9 | 16,271 - 16,271 % (w/w) |

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| isobutan | isobutan | Sustanza mhux attiva | 75-28-5 | 200-857-2 | 4,068 - 4,068 % (w/w) |

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta' formulazzjoni | AE Dispensur tal-aerosol |

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

| | |
|---|---|
| Dikjarazzjonijiet ta' periklu | H222 : Aerosol li jaqbad malajr ħafna, H229 : Kontenitur taħt pressjoni: Jista' jinfaqa' meta jissaħħan<br>H229: Kontenitur taħt pressjoni: Jista' jinfaqa' meta jissaħħan<br>H304: Jista' jkun fatali jekk jinbela' u jidħol fil-pajpijiet tan-nifs.<br>H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn.<br>H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema.<br>EUH208: Jinkludi PERMETRIN. Jista' jagħmel reazzjoni allerġika. |
| Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni | P101: Jekk ikun meħtieġ parir mediku, ara li jkollok il-kontenitur jew it-tikketta tal-prodott fil-qrib.<br>P102: Żommu 'l bogħod minn fejn jistgħu jilħquh it-tfal.<br>P103: Aqra sew u segwi l-istruzzjonijiet kollha.<br>P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx.<br>P211: Tisprejjax fuq fjamma mikxufa jew sors ieħor li jaqbad.<br>P251: Ittaqqbux u taħarqux, anke wara li tużah.<br>P264: Aħsel idejk sew wara li tużah.<br>P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ.<br>P337+P313: Jekk l-irritazzjoni tal-għajnejn tippersisti: Ikkonsulta tabib.<br>P410+P412: Ipproteġi mid-dawl tax-xemx. Tesponix għal temperaturi li jeċċedu l-50°C/ 122°F.<br>P411: Aħżen f'temperaturi li ma jeċċedux 40°C/104°F.<br>P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent.<br>P391: Iġbor it-tixrid.<br>P501: Armi l-l-kontenut fi skont ir-regoli lokali. |

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

*Tabella 1*

**Insettiċida sprej domestiku**

| | |
|---|---|
| Tip ta' prodott | PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra |
| Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | - |
| Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | Isem xjentifiku: Ctenocephalides felis<br>Isem komuni: Briegħed<br>Istadju iżvilupp: larva<br>Isem xjentifiku: Ctenocephalides felis<br>Isem komuni: Briegħed<br>Istadju iżvilupp: adulti<br>Isem xjentifiku: Ixodes ricinus<br>Isem komuni: Qurdien<br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem xjentifiku: Rhipicephalus sanguineus<br>Isem komuni: Qurdien<br>Istadju iżvilupp: - |
| Qasam/Oqsma ta' użu | użu fuq ġewwa<br>Trattament fil-mira ta' għamara li ma tinħasilx u tessuti domestiċi bħal twapet, twapet żgħar, pultruni |
| Metodu/i ta' applikazzjoni | Metodu: sprejjar<br>Deskrizzjoni dettaljata:<br>Wara li tivvakumja l-wiċċ li trid tittratta, sprejja l-prodott b'distanza ta' 30 cm. |
| Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' applikazzjoni: 1.3 sekondi trattament bl-isprej għal madwar 1 $m^2$ (2,1 $g/m^2$)<br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br>L-intervall ta' ħin minimu bejn żewġ trattamenti hu ta' 6 xhur. |
| Kategorija/i ta' utenti | pubbliku ġenerali (mhux professjonali) |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Landa aerosol b'kisja ta' vernić ta' eposside fenolidu protettiv (250mL jew 500 mL) minn ġewwa<br>Landa aerosol mingħajr kisja interna (300mL) |

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

— Il-prodott irid jintuża għal trattament fil-mira ta' għamara li ma tinħasilx u tessuti domestiċi bħal twapet, twapet żgħar, pultruni.

— Dejjem aqra t-tiketta jew il-fuljett qabel l-użu u segwi l-istruzzjonijiet kollha pprovduti.

— Segwi d-dożi ta' applikazzjoni rakkomandati.

— Effikaċja residwa sa' 6 xhur li jistgħu jitnaqqsu f'każ ta' tindif normali (pereżempju vacuum fuq it-twapet) jew użu estensiv tal-uċuħ (pereżempju mixi, frizzjoni...).

— Jekk ikun hemm infestazzjoni kontinwa, uża prodotti sostituti li jkollhom sustanzi attivi b'mod differenti ta' azzjoni sabiex tevita li jkun hemm reżistenza. Dan sabiex tneħħi l-individwi reżistenti minn fost il-popolazzjoni.

— Jekk l-infestazzjoni tippersisti minkejja li ssegwi l-istruzzjonijiet tat-tikketta/fuljett, ikkuntattja professjonista tal-kontroll tal-pesti.

— Tużax fuq qtates u annimali oħra jew f'basktijiet għal qtates domestiċi.

— Informa d-detentur tal-awtorizzazzjoni jekk it-trattament ma jkunx effettiv.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

— Tużax fuq uċuħ mxarrba li jinħaslu u tessut.

— Taħsilx għamara bi ċraret tal-imsieħ mxarrba u xxarrabx twapet nodfa jew twapet żgħar biex tevita skariki fis-sistema ta' drenaġġ.

— Neħħi l-ikel, għalf u xorb kollu qabel it-trattament.

— Tużax fuq uċuħ u faċilitajiet li jkunu fil-viċinanza jew li jista' jkollhom kuntatt ma' ikel, għalf u xorb.

— Evita kuntatt mal-għajnejn.

— Wara li tisprejja, itlaq mill-kamra u ħallih jaħdem għal siegħa qabel ma tperreċ.

— Neħħi jew għatti terrarji, akkwarji u gaġeġ tal-annimali qabel tapplika.

— Itfi l-filtru tal-arja tal-akkwarju waqt li tisprejja.

— Żomm il-qtates 'il bogħod minn superfiċji ttrattati. Minħabba s-sensittività partikolari tagħhom għal permethrin, il-prodott jista' jikkawża reazzjonijiet avversi serji fi qtates.

— Żomm it-tfal u l-annimali domestiċi 'l bogħod waqt it-trattament.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

— Inalazzjoni: Poġġi l-vittma fl-arja friska u ħalliha tistrieħ nofsha bilqiegħda. Fittex parir mediku fil-pront jekk ikun hemm sintomi u/jew jekk tkun ħadet kwantitajiet kbar.

— Kuntatt mal-għajnejn: -Laħlaħ fil-pront b'ħafna ilma u kultant għolli l-kpiepel tal-għajn ta' fuq u niżżel t'isfel. Iċċekkja u neħħi l-lentijiet tal-kuntatt jekk faċli tagħmel hekk. Kompli laħlaħ b'ilma fietel għal 10 minuti mill-inqas. Fittex parir mediku jekk ikun hemm irritazzjoni jew jekk il-vista tibda tbati.

— Kuntatt mal-ġilda: Neħħi l-ħwejjeġ u żraben ikkontaminati. Aħsel il-ġilda kkontaminata b'ilma. Ikkuntattja speċjalista tat-trattament tal-velenu jekk ikun hemm sintomi.

— Kuntatt mal-ħalq: Aħsel il-ħalq bl-ilma. Ikkuntattja speċjalista tat-trattament tal-velenu fil-pront jekk ikun hemm sintomi u/jew f'każ ta' kuntatt mal-ħalq bi kwantitaijiet kbar.

— Tagħtix fluwidi u tipprovokax rimettar f'każ li l-persuna tibda tintilef minn sensiha; poġġi f'pożizzjoni ta' rkupru u fittex parir mediku fil-pront.

— Żomm il-kontenitur jew it-tikketta disponibbli.

— Permethrin jista' jkun perikoluż għal qtates. Jekk ikun hemm sinjali ta' avvelenament, fittex parir ta' veterinarju fil-pront u uri l-ippakkjar lil xi veterinarju.

— Piretrojde jistgħu jikkawżaw paraesthesia (ħruq u sensazzjoni ta' tingiż fil-ġilda mingħajr irritazzjoni). Jekk is-sintomi jippersistu: Ikkonsulta tabib.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

— Tarmix prodott mhux użat fl-art, f'korsijiet tal-ilma, pajpijiet (sink, toilets...) u lanqas fid-drains.

— Armi l-prodott mhux użat, l-ippakkjar tiegħu u kull skart ieħor skont ir-regolamenti lokali.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

— Ħajja fuq l-ixkaffa: 24 xahar.

— Taħżinx f'temperatura ogħla minn 40°C.

— Tħallix fix-xemx diretta.

— Ipproteġi minn ġlata.

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

| | | |
|---|---|---|
| Isem/Ismijiet kummerċjali | FRONTLINE PET CARE SPRAY INSECTICIDE ET ACARICIDE POUR L'HABITAT | qasam tas-suq: UE |
| | SPRAY ANTIPARASITAIRE POUR L'HABITAT 300 ML FRISKIES | qasam tas-suq: UE |
| | INSECTICIDE HABITAT/ HOME VETOCANIS | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD SPRAY INSECTICIDE ET ACARICIDE POUR L'HABITAT | qasam tas-suq: UE |

| | | |
|---|---|---|
| | INSECTICIDE HABITAT/ HOME VITALVETO | qasam tas-suq: UE |
| | SPRAY INSECTICIDE POUR L'HABITAT VITALVETO / INSECTICIDE HOUSEHOLD SPRAY VITALVETO | qasam tas-suq: UE |
| | SPRAY INSECTICIDE POUR L'HABITAT VETOCANIS / INSECTICIDE HOUSEHOLD SPRAY VETOCANIS | qasam tas-suq: UE |
| | BEAPHAR SPRAY POUR L'HABITAT INSECTICIDE | qasam tas-suq: UE |
| | BEAPHAR OMGEVINGSSPRAY BINNEN INSECTICIDE | qasam tas-suq: UE |
| | BEAPHAR UMGEBUNGSSPRAY INNEN INSECTICIDE | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD Husholdningsspray med insekticid og acaricid | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD Insecticide and acaricide household spray | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD Hyönteisten ja punkkien torjuntasuihke kotitalouksille | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD insektizides und akarizides Haushaltsspray | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD Spray Εντομοκτόνο και ακαρεοκτόνο σπρέι οικιακής χρήσης | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD Spray insetticida e acaricida per l'ambiente domestico | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD Insecticide en acaricidespray voor huishoudelijk gebruik | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD Husholdningsspray med insekticid og acaricid | qasam tas-suq: UE |
| | FRONTLINE HOMEGARD INSETICIDA E ACARICIDA EM SPRAY PARA USO DOMÉSTICO | qasam tas-suq: UE |

| | | |
|---|---|---|
| | FRONTLINE HOMEGARD Hushållspray med insekticid och akaricid | qasam tas-suq: UE |
| | PECUSANOL CASA Spray Inseticida para uso doméstico | qasam tas-suq: UE |
| | FLEA FREE omgevingsspray combo binnen insecticide | qasam tas-suq: UE |
| | BOGAPROTECT INSEKTIZIDES UMGEBUNGSSPRAY | qasam tas-suq: UE |
| | INSECTICIDE HABITAT CLÉMENT THÉKAN SPRAY ENVIRONNEMENT | qasam tas-suq: UE |
| Numru tal-awtorizzazzjoni | EU-0021035-0001 1-1 | |

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Permetrina | 3-fenossibenżil (1RS,3RS;1R-S,3SR)-3-(2,2-diklorovinil)-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat | sustanza attiva | 52645-53-1 | 258-067-9 | 0,177 % (w/w) |
| S-metopren | Isopropil-(2E,4E,7S)-11-metossi-3,7,11-trimetil-2,4-dodekadienoat | sustanza attiva | 65733-16-6 | | 0,00225 % (w/w) |
| propan-2-ol alcool izopropilic izopropanol | Propan-2-ol | Sustanza mhux attiva | 67-63-0 | 200-661-7 | 3,33475 % (w/w) |
| n-butan | n-butan | Sustanza mhux attiva | 106-97-8 | 203-448-7 | 63,458 % (w/w) |
| propan | propan | Sustanza mhux attiva | 74-98-6 | 200-827-9 | 16,271 % (w/w) |
| isobutan | isobutan | Sustanza mhux attiva | 75-28-5 | 200-857-2 | 4,068 % (w/w) |